MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 53**

**It-Tlieta, 4ta' April 2023**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tlieta, 4 ta' April 2023, fil-17:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathon Cefai - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA


Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex
Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Talba

53.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-17:30 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 53.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

53.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 53.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 52

53.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 52 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

53.3.2 Is-Sindku talab sabiex jitniżżel fil-minuti illi l-kunsill kien qabel unanimament dwar il-post magħżul bħala parking riservat għall-Van tal-Kunsill liema post kien faċċata tal-Kunsill. Dan il-post ġie magħżul minħabba li vetturi ipparkjati ma dik in-naħa jippreżentaw anqas ostakolu u b'hekk tkun ta' anqas periklu. Din l-emenda ġiet approvata b'mod unanimu u għalhekk din tniżżlet fuq il-minuti.

53.3.3 Il-Kunsillier Jonathon Cefai rrefera għan-nomina tiegħu fuq il-bord tal-evalwazzjoni tat-tender – Construction for the new Fontana Civic Centre. Il-Kunsillier żid jgħid li ma kienx preżenti għal-laqgħa u ġaladarba ma hux bniedem tekniku ma jrid joqgħod fuq l-ebda bord. Is-Sindku infurmah li jkun hemm il-pariri tal-professjonisti li jipprovdu r-rapport tagħhom pero jekk ma jridx joqgħod għandu kull dritt. Is-Sindku nnomina lill-Inġinier Simon Mizzi sabiex jkun fuq il-bord ta' evalwazzjoni u fl-eventwalita li ma jkunx jista, jinnomina lill-iskrivan tal-Kunsill is-Sur Joseph Bajada. Il-kunsill qabel dwar dan. Għalhekk il-laqgħa tal-bord ta' evalwazzjoni li kienet skedata li ssir l-għada għandha tiġi posposta sakemm jiġi kkonfermat l-Inġinier Mizzi jew is-Sur Bajada.

## 53.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

53.4.1 Fl-20 ta' Marzu 2023 ġie ffirmat il-kuntratt mal-Kuntrattur Mark Attard sabiex jkun jista jsir xogħol ta' rinnovar bil-porfido u tapiti ġodda li jinħadmu fuq il-post fost l-oħrajn fil-playingfield. Il-Kunsill qabel illi x-xogħol għandu jibda wara l-festa, jiġifieri fl-20 ta' Ġunju 2023.

53.4.2 Fil-15 ta' Marzu 2023 nżammet laqgħa mall-Kappillan flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-Programm ta' Festa Tfal. Kien hemm qbil li tiġi inawgurata l-istatwa l-ġdida għal-Festa Tfal tal-Qalb ta' Ġesu' u bħal ma kien sar fl-ewwel Festa Tfal fis-sena 1996, din is-sena wkoll il-purċissjoni tinżel bil-banda minn Pjazza Tomba sal-



S. Borg

knisja. Kien hemm qbil ukoll sabiex Festa Tfal tinżamm fis-7 ta' Ġunju 2023. Is-Sindku nforma lill-membri li talab stima lill-George Refalo sabiex nipprovdu servizz ta' banda magħmula minn madwar 20 bandist. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa dwar jekk l-artist kienx preżenta l-isketch tal-istatwa skont kif kien maqbul u s-Sindku nfurmah li kien se jibda jaħdem fuq l-istatwa wara l-festi tal-Għid.

53.4.3 Fl-10ta' Marzu 2023 flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, ltqajna mal-Inġinier Simon Mizzi li se jkun qed jipprepara l-qisien tal-*Critical Fall Height* u l-estimi għall-akkwist ta' tapiti inline mas-safety standards.

53.4.4 Is-Sindku rrimarka li x-xogħolijiet ta' konkos fi Trejqet il-Ħarrub li għalih kien intalab l-approvazzjoni tal-kunsill sar mill-Ministeru Għal Għawdex. Dan jikkonferma li permessi tal-Kunsill ma kellhomx bżonn għaliex ix-xogħol sar xorta.

53.4.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li minħabba li kien previst il-maltemp, l-ħarġa ġiet posposta għas-16 ta' April 2023. Fost postijiet oħra se jkunu qed iżuru r-Redentur u l-Festa Frawli, fl-Imġarr.

53.4.6 Is-Sindku rrefera għall-parkeġġ riservat tal-kunsill u informa lill-membri li skont il-policy ta' Transport Malta kif ukoll kif ġejna nfurmati minn Transport Malta stess kull kunsill huwa ntitolat għal parkeġġ riservat wieħed.

53.4.7 Is-Sindku semma li t-tiswija tal-kurduna tal-bankina fi Triq il-Għajn kif ukoll iż-żebgħa tat-toroq baqgħu ma sarux minkejja li ntbagħtu diversi imejls lill-Ministeru Għal Għawdex. Għalhekk is-Sindku ppropona li għandha tinkiteb imejl lill-Ministru Għal Għawdex sabiex jiġi nfurmat b'din is-sitwazzjoni perikoluża li tinsab fiha l-kurduna ta' Triq il-Għajn li hija wkoll triq arterjali u għalhekk taqa fir-responsabbilta tal-Gvern. Il-Kunsill qabel ma dan.

53.4.8 Is-Sindku semma li hemm bżonn inqabbdu lil xi electrician sabiex jinfurmawna liema huma d-demarcation boxes li għandhom bżonn jinbidlu, hekk kif ġejna mitlubin mill-Enemalta, fl-imejl li l-Kunsill irċieva mill-AKL.

53.4.9 Dwar il-permess ta' Wied Siekel, is-Sindku semma li kif spjegalna l-Perit, minħabba li l-building line qiegħed il-ġew mill-ħajt tas-sejjieħ, s-sid qed jitlob li l-building line toħroġ il-barra jiġifieri li l-bini jkun sa fejn kien il-ħajt tas-sejjieħ. Il-kunsill jaqbel li din hija deċizzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar u l-Kunsill mhux se jkun qed jagħmel kummenti dwarha.

## 53.5 Tiġdid tal-Kuntratt tal-Kera tal-Għajn il-Kbira, Pjazza l-Għejjun Fontana

53.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri bil-korrispondenza li rċivejna mingħand is-Sa Mary Schembri mid-Dipartiment tal-Artijiet. Ġejna mitluba nibgħatu d-dettalji tas-Sindku kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex jsir *Renewal tal-Lease Agreeement* ta' Site tal-Għajn il-Kbira, Pjazza l-Għejjun, Fontana. Il-membri qablu li jiġi mġedded għal 5 snin oħra.

### 53.6 Festa Tfal

53.6.1 Fil-15 ta' Marzu 2023 nżammet laqgħa mall-Kappillan flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv dwar il-Programm ta' Festa Tfal. Kien hemm qbil li tiġi inawgurata l-istatwa l-ġdida u zgħira tal-Qalb ta' Ġesu' u bħal ma kien sar fl-ewwel Festa Tfal fis-sena1996 bis-sehem tal-banda tal-iscouts. din is-sena wkoll il-purċissjoni tinżel bil-banda minn Pjazza Tomba sal-knisja. Kien hemm qbil ukoll sabiex Festa Tfal tinżamm fis-7 ta' Ġunju 2023. Is-Sindku nforma lill-membri li talab stima lill-George Refalo sabiex nipprovdu servizz ta' banda magħmula minn madwar 20 bandist. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa dwar jekk l-artist kienx preżenta l-isketch tal-istatwa skont kif kien maqbul u s-Sindku nfurmah li kien se jibda jaħdem fuq l-istatwa wara l-festi tal-Għid. Is-Segretarja nfurmat lill-membri illi saret it-talba għal permess ta' din l-attivita' mill-pulizija u rċivejna l-approvazzjoni mingħand is-Supretendent Maurice Curmi.

### 53.7 Pjan ta' Servizzi komunitarju bil-Van tal-Kunsill

53.7.1 Is-Sindku semma li issa hemm bżonn li jibda l-proċess sabiex jinħatar Handy Man fuq bażi full-time hekk kif kien diġa maqbul mill-kunsill fis-sena preċedenti. Dan sabiex ikun jista jieħu ħsieb il-maintenance, xogħol ta' knis kif ukoll jkopri s-servizz ta' transport tal-Van.

Ġie diskuss is-servizz li għandu jingħata u ġie maqbul li nibdew b'servizz għall-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali u naraw x'talba jkun hemm. Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa jekk bniedem li jkollu appuntament l-isptar jkunx jista juża dan is-servizz. Is-Sindku żied jgħid li għandna naraw it-talba xi tkun u nippruvaw naqdu lil dak li jkun.

Is-Segretarja ppreżentat id-disinn tal-stickers għall-van kif irċivejniha mingħand SMC Designs. Id-disinn intgħoġob mill-Kunsill u għalhekk se mmexxu b'dan id-disinn. Is-Sindku semma li rridu nsibu data għall-inawgurazzjoni tal-Van u għalhekk peress li mill-uffiċċju tas-Segretarju Parlamentari, s-Sa Alison Żerafa Ċivelli kienu nfurmawna li xtaqet tiġi, għadna nagħmlu kuntatt magħhom sabiex tiġi ffissata data.

Is-Sindku semma li billi s-Sur William Sultana mhux se jibqa jagħti s-servizz ta' assistenza fil-ħruġ ta' offerti, se jkellem lill-President tar-Reġjun biex jara tistax tingħata għajnuna min-naħa tar-Reġjun. Fin-nuqqas ta' dan il-Kunsill ser jinnomina lil xi ħaddieħor.

### 53.8 Proġett ta' tkomplija tal-aħħar fażi taċ-Ċentru Ċiviku

53.8.1 Is-Sindku nforma lill-membri li l-offerta ingħalqet u kien hemm tlett offerti.

Offerta 1 – Luxury Buildings Ltd - €68439.12
Offerta 2 – Norbert Farrugia - €110358.39
Offerta 3 – Little Rock Quarry Ltd - €80814.73

B'referenza għal komunikazzjoni tal-Kunsillier Jonathon Cefai kif hawn miktub aktar il-fuq, il-bord ta' evalwazzjoni li kien se jiltaqa għada se jiġi postpost għal data oħra sabiex jilħaq jinħatar l-evalwatur il-ġdid.

## 53.9 Ħruġ u Għoti ta' Offerti

53.9.1 Is-Sindku nforma lill-membri dwar il-ħruġ tal-offerta għal żewġ fanali fuq iz-zuntier. Bħalissa qed nistennew lil-Inġiniera mill-uffiċċju ta' Galea Curmi sabiex ilestu l-ispecifications ħalli l-offerta tkun tista terġa toħroġ.

53.9.2 Is-Sindku semma li fir-restawr tal-Istatwi ta' San Pietru u San Pawl ninsabu mwaħħlin minħabba li ilna nistennew id-dokumenti mitluba bħal ma huma l-elevations mis-Surveyor Andrew Mizzi sa mis-17 ta' Frar 2023 u għadu ma lestihomx meta kienet saret il-laqgħa fuq il-post. Il-Perita Ivana Farrugia qegħda tistenna dawn id-dokumenti ħalli tkun tista tmexxi bl-applikazzjoni. Illum irċivejna imejl mingħand is-Sur Mizzi fejn talabna ntuh ġimgħa oħra ċans u għalhekk is-Sindku issuġġerixxa li nitkbulu ittra formali u nagħtuh din il-ġimgħa żmien sabiex ilestihom. Fin-nuqqas li ma nirċivuhomx nqabbdu lil xi ħaddieħor. Kien hemm qbil.

53.9.3 Ġie ppreżentat id-disinn tal-proġett ta' tisbieħ bil-porfido għal Triq il-Għajn, taħt ir-railing sa Triq Wied Siekel, hekk kif ġie ippreparat minn Clayton mill-MED Developers.

## 53.10 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti

53.10.1 Is-Segretarja ppreżentat ilment li rċevit mingħand sid ta' propjeta fi Triq ta' Mulejja fejn qed jiġi mitlub illi ssir il-bankina tal-propjeta tiegħu li nbniet ġdida. Is-Sinjur qed jitlob ukoll sabiex jitnaddaf l-munżell ta' ġebel u terrapien li jinsab fil-viċin tal-propjeta tiegħu. Il-Kunsill qabel sabiex nibgħatu t-talba lill-Ministeru għal Għawdex ħalli ssir il-bankina kif ukoll li nieħdu ħsieb sabiex il-kunsill jnaddaf, għalhekk ser jitqabbad A&E Mintoff Ltd.

53.10.2 Preżenti għal-laqgħa kien hemm resident li ressaq ilment u bl-approvazzjoni tas-Sindku, r-resident spjega t-talba tiegħu lill-Kunsill. Hu spjega li qed jitlob sabiex il-parkeġġ riservat għall-vettura tal-kunsill, tinżel ftit l-isfel. Is-Sindku staqsieh għalfejn ma tkellemx qabel meta kien ilha hemm ġimgħat. Dan għaliex fl-ispazju li jibqa ma hemmx spazju għall-karozza. Il-membri qablu li l-Van tinzel daqs metru u nofs l-isfel u għalhekk se jkun qed isir kuntatt ma Transport Malta għal tali approvazzjoni.

53.10.3 Korrispondenza mingħand is-Sinjura Mary Schembri, Senior Administrator Officer fi ħdan l-Awtorita' tal-Artijiet. Qegħdin niġu mitluba sabiex nipprovdu d-dettalji tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikun jista jsir it-tiġdid tal-Kera ta' *Site at l-Għajn il-Kbira, l-Għejjun (L0268/2010)*. Il-Kunsill qabel li jġedded dan il-kuntratt għal 5 snin oħra.

53.10.4 Nżammet laqgħa mall-Kappillan fejn ġie diskuss l-pjan għal Festa Tfal għal din is-sena. Ġie maqbul li ċ-ċelebrazzjoni ta' Festa Tfal li għal l-ewwel darba se tkun tinkludi l-istatwa żgħira u ġdida tal-Qalb ta' Ġesu ssir nhar l-Erbgħa, 7 ta' Ġunju 2023 mill-17.00p.m sas-18.30p.m. Għalhekk il-Kunsill ħa ħsieb li jkollu l-approvazzjoni tal-Pulizija sabiex din l-istatwa tkun tista tintrefa mit-tfal u tinżel bil-banda minn Pjazza Sant Wistin u Pjazza Tomba sa ħdejn il-Knisja. Is-Supretendent Maurice Curmi bagħtilna l-approvazzjoni tiegħu għal dan l-avveniment.

53.10.5 Korrispondenza mingħand Infinite Fusion fejn qed jitolbu sabiex il-kunsill jħallas bil-quddiem l-ammont ta' €1800 plus VAT li jkopri s-servizz għal sena u nofs. Is-Seg. Eżekuttiv semmiet ukoll li rċivejna telefonata mingħand l-istess kumpanija fejn qed nintalbu l-ħlasijiet għal fatturi li hemm pendenti. Jien infurmajthom illi l-ebda ħlas ma jista jsir għal servizz li ma jkunx intalab b'mod formali mill-kunsill, għaliex fil-kunsill ma nstabx la kuntratt u lanqas arranġament. Dawn l-fatturi jkopru s-snin preċedenti meta kien hawn Segretarji Ezekuttivi oħra u għalhekk jien rrid noqgħod fuq dokumentazzjoni li nsib fil-files. Min naħa tal-Kunsill, jien nfurmata li s-servizz ta' life streaming u video on demand matul il-perjodu li huma koperti bl-istess fatturi ma sarux minħabba li l-kunsill ma kienx qed jitlaqa fil-perjodu tal-pandemija fiżikament iżda l-laqgħat kien isiru "online". Jien tlabthom biex jekk għandhom xi kuntratt għal-imsemmi servizz iffirmat mill-Kunsill jibgħatulna kopja tiegħu u f'dan il-każ imbagħad jitressaq fil-laqgħa tal-kunsill. Is-Sindku semma li ma jħossx li għandna nidħlu f'arranġament għal servizz ma kumpanija li diġa għandna problemi magħhom, għalhekk astejna. Sar qbil li nieħdu l-parir tal-avukat tal-kunsill. Kien hemm qbil dwar dan.

53.10.6 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-allokazzjoni tal-Fond ta' Aġġustament għas-sena 2023, liema ammont huwa ta' €3281 ġew depożitati fil-kont bankarju tal-Kunsill nhar id-9ta' Marzu 2023.

53.10.7 Korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar sezzjonijiet ta' nformazzjoni dwar il-ħames determinanti soċjoli offruti mill-Health Regulation Office. Il-Kunsilli li huma nteressati joffru l-korsijiet għandhom jibgħatu imejl sal-Ġimgħa, 28ta' April 2023.

53.10.8 Stedina għal-laqgħa ta' ntroduzzjoni mal-Kunsilli Lokali li jifformaw parti mill-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar il-ħidma li twettaq l-Awtorita' tal-Bini u Kostruzzjoni u dwar kif jistgħu jkunu ta' għajnuna għall-kunsilli lokali b'mod speċjali fejn jidħlu l-ilmenti marbuta ma' xogħol ta' kostruzzjoni. Din il-laqgħa nżammet it-Tnejn, 27ta' Marzu ġewwa l-kunsill Reġjonali Għawdex.

53.10.9 Ċirkulari numru *SPI/SCI/05/2023* – Fond ta' Manutenzjoni u Sosten ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. L-applikazzjonijiet jiġu milqugħa sal-Ġimgħa, 25ta' Awwissu 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

53.10.11 Ċirkulari numru *SPI/SCI/04/2023* – Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati li ser tkun dwar kameras tas-sigurta' f'diversi postijiet. L-applikazzjonijiet jiġu milqugħa sat-28ta' Lulju 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut u kien hemm qbil sabiex napplikaw għal din l-iskema. Is-Sindku rrikomanda li nkellmu lil JohnPaul Cefai sabiex jipprepara l-specifications u d-dokumenti hekk kif huma meħtieġa għal din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil dwar dan.

53.10.11 Ċirkulari numru *SPI/SCI/03/2023* – Espressjoni ta' Interess – The World Cleanup Campaign 2023. L-applikazzjoniet jiġu milqugħa sal-Ħamis, 15ta' Ġunju 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

53.10.12 Ċirkulari numru *SPI/SCI/02/2023* – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-Libreriji Lokali u Reġjonali fil-lokalitijiet madwar Malta u Għawdex. L-applikazzjonijiet jiġu milqugħa sal-Ġimgħa, 28ta' April 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

53.10.13 Ċirkulari numru *SPI/SCI/01/2023* – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024. L-applikazzjonijiet jiġu milqugħa sa l-Erbgħa, 26ta' April 2023. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

53.10.14 Korrispondenza mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar applikazzjonijiet sabiex il-Kunsilli Lokali jkun jista jiġi assistit minn studenti tal-IT. Kull kunsill lokali li hu nteressat għandu japplika dirett mal-MITA sa mhux aktar tard mill-Ħamis, 30ta' Marzu 2023.

53.10.15 Ċirkulari numru 6/2023 mingħand id-Direttur Ġenerali (Gvern Lokali) – Kjarifika rigward permessi mogħtija mill-Kunsilli Lokali taħt ir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu mill-Kunsilli Lokali (Leġislazzjoni Sussidjarja 441.04) Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

53.10.16 Stedina mingħand Mario Fava, l-President tal-Assoċjazzjoni Kunsill Lokali għal ESG business breakfast li se jsir it-Tlieta, 21ta' Marzu 2023, mtella mit-Times of Malta.

53.10.17 Imejl migħand d-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-**2023 Forum of Mayors** li ser jinżamm fit-2-3 ta' October 2023 ġewwa l-Palais des Nations f'Geneva.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

53.10.18 Ċirkulari numru 5/2023 – Linji Gwida dwar il-Proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-servizz ta' Ġbir tal-Iskart. Il-kunsill ħa nota tal-kontenut.

53.10.19 Ċirkulari numru 2/2023 – Emendi fir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru u emendi fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Kareġġjata.

53.10.20 Korrispondenza mad-Dottoressa Deborah Camilleri minn Transport Malta dwar l-approvazzjoni ta' parkeġġ riservat għall-użu tal-vettura tal-kunsill. Fl-20ta' Frar 2023, l-Kunsill kien ressaq it-talba għall-parkeġġ riservat flimkien ma' ritratt li jindika l-post identifikat mill-Kunsill. Fit-8ta' Marzu l-kunsill kien irċieva l-approvazzjoni mid-Dr. Camilleri, Transport Malta għal din it-talba. Dr. Camilleri talbitna niklarifikaw jekk il-parkeġġ riservat huwiex għal użu ta' parkeġġ biss jew hux biex niċċarġjaw il-vann. Bħal ma kienet saret it-talba oriġinali, il-parkeġġ riservat huwa biss għall-użu ta' parkeġġ. Se tkun qed tintuża c-charging point li hemm fi triq il-Qalb ta' Ġesu sabiex tiġi ċċarġjata l-vann.

53.10.21 Korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex dwar sejħa għall-EU Funding Call for Network of Towns – 2023. Kunsilli nteressati li jissieħbu bħala Project Partners jridu jinfurmaw lir-Reġjun sa l-Erbgħa, 29ta' Marzu 2023.

53.10.22 Stedina għall-avveniment informattiv imtella mill-Kummissjoni Ewropea b'kollaborazzjoni mas-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali li se ssir.
Nhar it-Tnejn, 24ta' April 2023 dwar proġett *'Nibnu l-Ewropa flimkien Mal-kunsilliera lokali.'*

53.10.23 Pjanta ta' kif ser jkun il-porfido li rċivejna mingħand il-Perit Bezzina għal tisbiħ bil-porfido fi taħt ir-*railing* minn Triq il-Għajn sa Triq Wied Siekel. Il-kunsill approva din il-pjanta skont il-kopja mehmuża.

53.10.24 Korrispondenza mingħand il-*Gozo Regional Development Authority* dwar il-parteċipazzjoni ta' Għawdex fl-EU Missio fond fi ħdan Horizon Europe. Is-Sindki ġew mistiedna jattendu għal-laqgħa mal-Advisor, Mr. Bob Haeseleer, il-Ħamis, 6ta' April 2023.

53.10.25 Fl-10ta' Marzu 2023, ġie ffirmat kuntratt ta' mpjieg mas-Sinjura Miriam Muscat, hekk kif kien mitlub minn Dr. Mariella Silvio mis-sezzjoni legali fi ħdan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fl-imejl li l-Kunsill irċieva fis-6ta'Marzu 2023.

53.10.26 Linji Gwida għal ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali jew Reġjonali b' riżultat tal-ftehim kollettiv għas-Segretarju Eżekuttivi ffirmat fi Frar 2022.

**53.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

53.11.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**53.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 41/2023 għal perjodu ta' bejn l-6 ta' Marzu 2023 u l-4 ta' April 2023 li tammonta għal €19,370.81 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispjejjeż relatati ma Petty Cash li saru matul ix-xahar ta' Marzu.

**53.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-19.15pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 26 ta' April 2023 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

Konfermati, llum l-Erbgħa, 26 ta' April 2023.

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

Kunsill Lokali il-Fontana

# Proġett Ċentru Ċiviku Fontana




Dan il-proġett huwa kollu ffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill Lokali il-Fontana.
This project is entirely financed by the Fontana Local Council.

Il-Fontana Local Council